MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Appell Civili Numru. 288/1989/1

**L-Avukat Dottor Jose' Herrera ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta 'Fenech Oil & Petroleum Co Limited'**

**v.**

**L-Accountant General ghan-nom u in rapprezentanza tad-Dipartiment tat-Tezor**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-14 ta' Marzu 1989 ipprezentata mill-attur nomine li taqra hekk:

“Peress illi l-konvenut jinsab inadempjenti versu l-attur fis-somma ta’ elfejn tmien mija seba’ u sebghin lira Maltija u tmienja u sittin centezmi (Lm2,877.68), bilanc minn somma akbar, valur ta’ mercja lilu mibjugha u konsenjata;

“Peress illi l-konvenut interpellat anke pemezz ta’ ittra ufficjali, izda baqa’ inadempjenti;

“Peress illi jezistu c-cirkostanzi kif pruvat ai termini tad-disposizzjoni tal-Artiklu 167/170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, u ghalhekk il-konvenut m’ghandu ebda eccezzjoni x’jaghti;

“Jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti -

“1. tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh kif provdut ai termini tal-Artiklu 167/170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

“2. tiddikjara l-konvenut inadempjenti versu l-attur fis-somma ta’ elfejn tmien mija u seba’ u sebghin lira Maltija u tmienja u sittin centezmi (Lm2,877.68);

“3. tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ elfejn tmien mija u seba’ u sebghin lira Maltija u tmienja u sittin centezmi (Lm2,877.68) lill-attur;

“Bl-ispejjez u l-imghax, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja u l-imghax legali. Il-konvenut jinsab ingunt ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-28 ta’ Marzu 1989 li permezz taghha eccepixxa:
“1. Illi salv ghall-prova kuntrarja c-citazzjoni hija nulla stante illi l-attur nomine ma jidhirx li ghandu r-rapprezentanza guridika tas-socjeta’ “Fenech Oil & Petroleum Company Limited” u dan kif jidher mill-anness memorandum and articles of association ta’ l-istess socjeta’ mmarkat ‘Dok A’ ;

“2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit it-talbiet ta’ l-attur nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ghalhekk jigu michuda stante illi s-somma minnu pretiza mhix lilu dovuta peress illi l-konsenja li originarjament kellha tinghata lill-konvenut ma gietx lilu kkonsenjata ai termini tal-letter of acceptance of tender datata 19 ta’ April, 1983 hawn annessa u mmarkata “Dok. B” ;

“3. Illi inoltre hu m’ghandux ibati spejjez.

“Salv eccezzjonijiet ohra.”

Rat is-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili moghtja fil-25 ta’ Frar 2010 li permezz taghha fil-waqt li cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, laqghet l-eccezzjonijiet l-ohra tieghu u cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess attur nomine;

Rat ir-rikors tal-attur nomine li permezz tieghu huwa talab il-bdil tas-sentenza u dan billi din il-Qorti tilqa’ t-talbiet tieghu u dan wara li ghamel dawn il-konstatazzjonijiet:
“Illi l-ewwel Qorti waslet biex cahdet it-talbiet attrici a bazi ta' zewg premessi. L-ewwel Qorti telqet mill-premessa illi s-socjeta attrici ppregudikat ruhha meta "ghazlet" li ma tkunx presenti permezz ta' rappresentant jew impjegat taghha waqt it-test ta' l-uzin. L-ewwel Qorti mbaghad ghamlet apprezzament fuq bazi ta' probabilita' tal-verzjonijiet tal-partijiet u cioe` dik ta' l-attur illi l-konsenja saret kif rikjest fit-tender relattiv u dik tal-konvenut u cioe` illi skond it-testijiet li saru fuq l-imsemmi zejt dan kien nieqes. L-ewwel Qorti iccitat numru ta' sentenzi dwar il-principju "onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat " biex ikkonkludiet illi l-attur marnexxilux jipprova t-tezi tieghu.
“illi qabel xejn ghandu jinghad illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta tenniet illi s-socjeta attrici ppregudikat ruhha meta "ghazlet " li ma tkunx presenti pennezz ta' rappresentant jew impjegat taghha waqt it-test ta' l-

uzin. Anthony Buhagiar rappresentant tal-konvenut stess xehed hekk[1]:

"Dawn it-tests isiru kemm jista' jkun malajr. u jien appena ghamilt l-appuntament ma' tal-"Weights and Measures" kont cempilt fl-ufficcju tal-kumpanija attrici, kellimt lil certu Mr. Lanzon, u ghedtlu bit-test. U stedintu biex rapprezentant tas-socjeta jattendi ghat-test li jkun sejjer isir. Hu qalli li s-Sur Kelly, li kien "in-charge" qieghed imsiefer. " (enfasi mizjud).

“Illi ghalhekk jirrizulta mix-xhieda tal-konvenut stess illi l-persuna li setghet tkun prezenti ghan-nom tas-socjeta attrici waqt li saru t-testijiet kien imsiefer. B'dan il-konvenut kien infurmat u ppersista li jaghmel it-testijiet xorta wahda. Kwindi ma kienitx is-socjeta attrici li ghazlet li ma tkunx presenti pero kien il-konvenut li ezegwixxa t-testijiet relattivi fuq iz-zejt meta rappresentant tas-socjeta attrici ma setax ikun presenti.
“Illi mbaghad l-appellant jissottometti bir-rispett illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ghaddiet biex taghmel apprezzament dwar il-verzjoni tal-partijiet dwar jekk iz-zejt kienx konformi mar-rekwiziti tat-tender partikolari u injorat is-sottomissjonijiet li ghamel l-appellant dwar il-ftehim bejn il-kontendenti u dwar jekk l-ilment tal-konvenut u t-testijiet fuq iz-zejt sarux ai termini ta' dak il-ftehim.

“Illi l-appellant kien issottometta quddiem l-ewwel Qorti illi, kif jirrizulta mill-atti, meta l-konvenut accetta li jaghti t-tender lis-socjeta attrici accetta li jaghmel dan taht certu kondizzjonijiet. Kif spjega l-attur fix-xhieda tieghu, fis-7 ta' Frar 1982 is-socjeta attrici tefghet tender halli tissupplixxi lill-konvenut b'lubricating oil. Kopja tat-tender huwa esebit a fol. 127 tal- process. L-Accountant General kien talab tnaqqis fil-prezzijiet taghha u l-kumpanija laqghet din it-talba permezz ta' ittra datata 18 ta' Marzu 1983. F'din l-ittra s-socjeta attrici regghet inkludiet il-kundizzjoni li kienet saret fit-tender ossia illi l-kuntratt kien qieghed isir suggett ghall-

[1] Vide seduta ta’ l-14 ta’ Gunju 1991.

'terms and conditions of the contract of FOPCOL' li kopja taghhom hija esebita bhala dok CA2 (fo1. 317 u 318).

“Illi l-ittra tat-18 ta' Marzu 1983 fiha l-annessa nota:

"All business of whatever nature is transacted only upon the terms and conditions of the contract of FOPCOL, a copy of which will be supplied upon request." (enfasi mizjud).

“L-istess referenza ghal dawn it-"terms and conditions" kienet ukoll inkluza fit-tender. Kopja tat-tender hija esebita a fol. 313 tal-process.

“Issir referenza partikolari ghall-artikoIu 3 u I-artikolu 5b.1 ta' dawn it-"terms and conditions". L-artiklu 3 jghid:

"The Buyers shall pay for the Products supplied by Fopcol, in Metric Tons Vacum, at current prices for the type involved ruling on date of delivery as set forth in Fopcol price schedule then current, with price(s) subject to change without notice, except where a formal written contract signed by F opcoI is entered into and that contract specifically varies these price(s).

“L-artikolu 5b.1 jghid:

"The quantity of Packed products delivered to the Buyers shall be in MT Vacuum, determined from the measurements in Liters or in KG printed on the package.

“The Buyer's representative will be required to sign for quantity and Quality of Products received.

“Should the Buyer contest the measurements in Liters or in KG printed on the package, or the quality of the Product, three samples should be drawn from the packed products from each type of Product, from each type of grade and from every different batch number,

even if the type and or the grade of the product is the same. One sample will be kept by the Buyer and one sample by FOPCOL and the other sample should be supplied to an Independent Laboratory for Testing both for the quality and the quantity in MT Vacuum of the Product delivered can be determine in cases of differences. "

“Illi ghalhekk minn dawn il-kundizzjonijiet jirrizulta illi:

“a) testijiet kemm ghall-kwalita` u kif ukoll ghall-kwantita` kellhom isiru go vacuum,

“b) tali testijiet kellhom isiru minn laboratorju indipendenti, kif hemm fil-klawsola 5d tat-'terms and conditions' u

“c) biex isiru t-testijiet kellhom jittiehdu tlitt samples minn kull tip ta' prodott, minn kull grade u minn kull batch number. Imbaghad minn dawn it-tlitt samples wiehed jinzamm mis-socjeta attrici, wiehed mill-konvenut u wieghed jintbaghat fil-laboratorju indipendenti.

“Illi mix-xhieda tal-konvenut stess jirrizulta illi t-testijiet saru b'rnod ferm differenti minn dak stabbilit fil-ftehim bejn il-partijiet. Dwar kif saru t-testijiet u ghalfejn m'humiex attendibbli diga' saru sottomissjonijiet dettaljati fin-nota ta' sottomissjonijiet ippresentata quddiem l-ewwel Qorti u a skanz ta' repetizzjoni qed issir ampja referenza ghall-istess nota. Dan nonostante l-konvenut ippersista li jezegwixxi l-istess testijiet minghajr ma ta opportunita' lis-socjeta attrici tkun presenti. Una volta illi t-testijiet saru kontra dak miftiehem il-konvenut ma jistax issa f’dawn il-proceduri jippretendi li juza l-istess testijiet biexjipprova l-pretenzjoni tieghu illi z-zejt ma kienx tal-kwantita' miftehma.

“d) Apparti minn hekk kien hemm procedura kif il-konvenut kellu jilmenta dwar il-prodott konsenjat li temergi mill-artikolu 12a tat-t'terms and conditions of the contract of FOP COL":

" ... no claim shall be entertained by FOPCOL unless notice in writing there of is given to FOPCOL within a period not exceeding three (3) working days from completion of delivery of the Products and no action shall lie against FOPCOL unless the same is brought within forteen (14) days from delivery of the Products, after which all rights and remedies shall be extinguished."

“IIIi l-ewwel konsenja ta' zejt saret fil-25 ta' Mejju 1983 u dan kif jirrizulta minn Dok MF3 anness ma' l-affidavit a fol. 329 u t-tieni konsenja saret fid-9 u I-10 ta' Gunju 1983 kif jirrizulta minn Dok MF5 anness ma' l-istess affidavit. Kwindi l-oggezzjoni tal-konvenut saret ferm wara dan il-perjodu.

“IIIi I-konvenut wera illi tuI dawn il-proceduri kien ben konsapevoli tal-fatt iIli dawn it- 'terms and conditions' fuq riferiti ma gewx segwiri.  In effetti Adrian Portelli, Administrative Assistant tad-Dipartiment tat-Tezor, meta xehed £1-14 ta' Gunju 1991, ippresenta kopja vojta tad-dokument tat-tender (fol. 127) u mhux kopja tad-dokument ippresentat mis-socjeta attrici u dana ghaliex mill-kopja vojta l-kundizzjoni illi dan it-tender qieghed isir suggett ghat-'terms and conditions' hawn fuq imsemmija ma tirrizultax.

“llli dawn huma kollha konsiderazzjonijiet iIli bid-dovut rispett l-ewwel Qorti ma ezaminatx fis-sentenza taghha. OItre dan l-ewwel Qorti kkummentat fis-sens illi "s-socjeta attrici ma kkontestatx bhaIa inattendibbli *wieght lestli* jsir *at random* fuq erba' drums biss ... ".  Mill-atti anzi jirrizulta l-oppost kif spjegat fit-tul fin-nota ta' sottomissjonijiet.

“Illi pero irrispettivament minn dak li gie miftiehem meta hareg u gie accettat it-tender, kellu jirrizulta mill-provi iIli t-testijiet li saru fuq iz-zejt saru zbaljatament u wiehed ma jistax joqghod fuq ir-rizultati.  Kif jirrizulta mid-delivery docket 0021638 datat 25 ta' Marzu 1983 esebit bhala Ook MF3 a fo1. 36 tal-process fl-ewwel konsenja ta' zejt gew konsenjati hames tipi differenti ta' zjut.  Dawn kienu Ursa Premium 40, Motex 40, Multigear EP 140, Rando HAD 32 u Ursa EO 40. Fit-tieni konsenja kien hemm zewg tipi ta'

zejt ossia Ursa EO 40 u Multigear EP 140 kif jirrizulta minn delivery docket 002198 B esebit bhala Dok MF5 a fol. 38 tal-process. Dawn gew konsenjati liIl-konvenut direttament minn fuq il-vapur. Irid jigi enfasizzat illi kull tip ta' zejt differenti ghandu l-ispecific gravity tieghu. Jekk taghme1 test fuq zejt partikolari bl-i*specific gravity* ta' zejt iehor ir-rizultat ikun zbaIjat. Huwa ghalhekk illi kellhom isiru seba' testijiet u cioe wiehed fuq kull tip ta ' zejt. Apparti minn hekk, anke zejt li jkun gej mill-istess konsenja li jkun ta' l-istess tip u ta' l-istess viscosity ma jkollux l-istess *specific gravity* jekk il-batch number tkun differenti. Ghalhekk jekk taghmel test bl-i*specific gravity* ta' batch number fuq zejt li gej minn batch number iehor ir-rizultat ukoll ikun zbaljat.

“IIli jirrizulta illi l-konvenut uza *specific gravity* wiehed ghat-testijiet li ghamel u dan jirrizulta mill-fatt illi ic-certifikat ta' l-Istandards Laboratory datat 20 ta' Lulju 1983 (Dok C a fol. 25) jaghti *specific gravity* ta' tip wiehed biss ta' zejt. Dan ikkonfermah ukolI Anthony Buhagiar, rappresentant tal-kovenut, li xehed illi fkaz ta' zejt, meta dan jasal fis-"Central Supplies", jittiehed "sample" u jigi tested mis-"Central Supplies"[2]. Dan kompla xehed is-segwenti:

"Jekk minn dan it-test jirrizultaw diskrepanzi sostanzjali mal-kwantita li kellha tigi supplita, dan l-ufficjal jirrappurtali, u mmur nivverifika dak li jkun sab huwa billi naghmel l-istess test li ghamel huwa, pero' b'attenzjoni akbar ghall-ezattezza tal-mizien. Fis-sens li nara li l-mizien ikun f’postu sew, fis-sens li l-"base" fejn inpoggih tkun tajba. Fil-kaz li nerga' nsib l-istess rizultat, nibghat lill-"Inspector of Weights and Measures" biexjaghmel it-testijiet necessarji.

“Rigward dan it-"tender" partikolari, dan it-test ghamilnih ukoll. Irrizultalna li kien hemm diskrepanza mhux accettabli u informajna lill-Inspector biex jaghmel it-"test" necessarji. Fl-istess hin, informajna lill-"Engineering

2 Vide xhieda moghtija fl-14 ta’ Gunju 1991 a fol. 129, para 1.

Standards Laboratory", u dawn iddeterminaw l-i"specific gravity" taz-zejt...".

A fol. 131, para 3 insibu li spjega s-segwenti:

"Dawn it-tests isiru kemm jista jkun malajr, u jien appena ghamilt l-appuntament ma tal-Weights and Measures kont cempilt fl-ufficju tal-kumpanija attrici, kellimt lil certu Mr. Lanzon, u ghidtlu bit-test. U stedintu biex rapprezentant tas-socjeta jattendi ghat-test li jkun sejjer isir. Hu qalli li s-Sur Kelly, li kien in-charges qieghed imsiefer."

“Illi l-ewwel konsenja ta' zejt saret fil-25 ta' Mejju 1983 u t-tieni fid-9 u 1-] 0 ta' Gunju 1983. Ghalfejn kellu jistenna sa' l-20 ta' Lulju 1983 l-konvenut biex igib l-*ispecific gravity?*[3] Ic-certifikat ta' l-lstandards Laboratory huwa datat l-20 ta' Lulju 1983. Ghalfejn kellu jistenna l-konvenut sat-12 ta' Awissu 1983 biex il-Weights & Measures Insepectorate jaghtih il-kwantitajiet kontenuti fid-drums taz-zejt?[4] Dawn iz-zewg dokumenti (ta' 1-Istandards Laboratory u tal-Weights & Measures Insepectorate) jirriferu biss ghal tip wiehed ta' zejt l-URSA EO 40. Il-problema tal-konvenut kienet illi meta ddecieda li jaghmel it-testijiet iz-zejt kien diga spicca u konsegwentement ghamlu biss it-test ta' tip wiehed ta' zejt li kien l-uniku wiehed li kien fadal *in stock.*

“In oltre rrizulta li sar test fuq tip wiehed biss ta' zejt mill-istess Anthony Buhagiar li xehed[s5]:

"Qed nigi muri d-dokument a fol 26. Jirrizulta li kienu intiznu tlett drums. Probabbilment ittiehdu fuq l-istess tip ta zejt. Id-dokument jidher li huwa l-istess tip ta zejt fit-tlett drums. Dan id-dokument jghatik x’tifhem li mis-sitt tipi ta’ zejt, ittiehed sample ta' tip wiehed ta' zejt. Ma nafx jekk din is-supply gietx f'zewg shipments. Ahna m'ahniex l-importaruri. Ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex ittiehed sample wiehed ta’ zejt."

---

3 Vide Dok C a fol. 25 tal-process.
4 Vide Dok D a fol. 26.
5 Vide xhieda moghtija fil-5 ta’ Novembru 2004 a fol. 244, l-ahhar paragrafu u jkompli fol. 245 l-ewwel paragfrafu.

“Irispettivament jekk kienx hemm konsenja wahda jew tnejn, kien hemm aktar minn tip wiehed ta' zejt f’kull konsenja u kwindi ma setax sar test wiehed biss fuq sample wiehed.

“Illi finalment fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-appellant ghamel sottomissjonijiet legali fis-sens illi t-tezi tal-konvenut kienet legalment insostenibbli ghaliex anke li kieku l-konvenut kellu ragun li jsostni illi l-kwantita kienet inqas minn dik miftiehma, xorta wahda legalment agixxa hazin meta zamm iz-zejt u sahansitra iddispona minnu u mbaghad meta rinfaccjat b'pretenzjoni ghall-hlas tal-prezz jeccepixxi li dan ma giex ikkonsenjat kif patwit. Fl-imsemmija nota ta' sottomissjonijiet l-appellant ghamel referenza ghall-gurisprudenza kopjuza f’dan is-sens. Dan nonostante dan l-ewwel Qorti naqset ukoll milli tezamina tali konsiderazzjonijiet legali fis-sentenza taghha.”

Rat ir-risposta tal-konvenut tas-6 ta’ April 2010 li tghid hekk;

“Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi konfermata.

“Fir-rigward ta' l-ewwel aggravju ta' l-appellant, l-appellat jirrileva illi l-appellant qieghed jargumenta illi l-Ewwel Qorti ibbazat id-decizjoni taghha fuq premessi hziena meta l-Qorti kkonkludiet illi s-socjeta' appellanti ghazlet li ma tkunx prezenti waqt it-test ta' l-uzin.

“L-esponenti jirrileva li ghal kuntrarju ta' dak illi jissottometti l-appellant, is-socjeta' attrici kienet giet infurmata illi kienu sejrin isiru t-testijiet fuq il-kunsinna taz-zejt tant hu hekk illi minn kif jirrizulta mix-xhieda moghtija minn Anthony Buhagiar tal-10 ta' Lulju 1991 fejn ikkonferma illi meta ghamel kuntatt mas-socjeta' attrici 'Hu qalli wkollli hu kellu l-fiducja li jiena ma kontx sejjer ningannah, u li allura jiena stajt nipprocedi bit-tests minghajr il-presenza ta' rapprezentant tas-socjeta' attrici. Illi ghalhekk l-appellant ma jistax issa jargumenta illi l-appellat ippersista illi jaghmel it-testijiet meta kienet l-

istess socjeta' attrici illi infurmat lill-appellat li hu setgha jipprocedi bit-testijiet anke jekk fl-assenza tas-socjeta' attrici.

“Fir-rigward tat-tieni aggravju ta' l-appellant, l-appellat jirriIeva illi l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ikkonkludiet illi l-ispjegazzjoni tas-socjeta' attrici ma kienitx wahda verosimili tenut kont ic-cirkostanzi tal-kaz. L-argument tal-appellant hu illi I-appellat ma mexiex mat-termini u l-kundizzjonijiet fil-kuntratt ta' FOPCOL.

“L-appellat jissottometti li r-relazzjoni kuntrattwali bejn is-socjeta' appellanti u l-esponenti hija naxxenti u regolata minn tender mahrug mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Id-Direttur tal-Kuntratti kien hareg sejha ghall-offerti ta' «supply of materials and other articles» relattiva ghall-kunsinna ta' zejt fi kwantita' pattwita.
“L-appellat jirrileva illi s-sejha ghall-offerti nharget bil-kundizzjonijict maghmula mill-Gvern u I-appellant ma jistax jippretendi illi huwa stess ibiddel dawn il-kundizzjonijiet billi unilateralment jirrizerva illi jagholel termini u kundizzjonijiet illi effettivament bihom jirrizerva illi jergu jinkitbu l-kundizzjonijiet tat-tender. Kien ghal din ir-raguni illi s-Sur Adrian Portelli, Administrative Assistant tad-Dipartiment tat-Tezor, ipprezenta kopja ta' 1-istandard tender document vojt. L-appellat jissottometti wkoll illi s-sejha ghall-offerti u l-accettazzjoni moghtija trid tigi interpretata fis-sens illi tali accettazzjoni saret bil-kundizzjonijiet maghrnula mill-appellat u mhux mis-socjeta' attrici.
“Issir riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Emanuele Grech vs Giuseppe Borg e Pietro Contini nomine** (Appell Kummercjali, 16 ta' Jannar 1931) fejn il-Qorti ta' l-Appell Kummercjali osservat is-segwenti :
«I' offerta, perche possa essere impegnativa appena vi sia la relativa accettazione, deve essere precisa e determinante e cosi dimostrativa dell'intenzione dell' offerente di ritenersi vincolato da qualsiasi valida accettazione».

“Illi l-appellant ma jistax jghid illi z-zieda illi huwa ghamel unilateralment kienet wahda preciza u determinanti u dan

peress illi l-hekk imsejha 'terms and conditions of the contract of Fopcol' ma gewx moghddija lill-appellat. Tant hu hekk illi l-istess dokument esebit mill-appellant u mmarkat bhala 'Dok. CA 1' jikkwalifika illi tali termini u kundizzjonijiet 'will be supplied upon request' u dan bhallikieku qatt jista' jinghad illi hemm kuntratt meta t-termini u l-kondizzjonijiet tieghu izzommhom parti wahda u lanqas biss taghtihom lill-parti l-ohra. Huwa car illi l-hekk imsejjha kondizzjonijiet li qatt ma kienu ingiebu a konoxxenza tal-esponent ma jistghux jitqiesu bhala vinkolanti l-ewwelnett ghax kieku l-kumpannija attrici kienet ghamlitha cara illi hija kienet qeghda tifhem illi qeghda tirrizerva xi dritt illi meta trid izzid kondizzjonijiet godda fil-kuntratt l-offerta taghha ghat-tender ma kienitx tkun recevibbli u, fit-tieni lok, ghax operat bhala dak addottat mil-kumpannija appellanti huwa ovvjament malafedesk minhabba illi dawn l-allegati kondizzjonijiet lanqas biss inghataw lill-kontroparti fil-kuntratt.

“L-esponenti ghalhekk jissottometti illi kull referenza ghall-kundizzjonijiet trid tigi interpretata bhala referenza ghall-kundizzjonijiet maghmula mill-Gvern fil-klawsoli tat-tender u mhux kif qieghed jipprova jargumenta l-appellant fejn qieghed jippretendi illi huwa kellu l-fakolta' illi jzid kundizzjonijiet a skapitu tal-Gvern u a pjacir tieghu.

“Huwa ovvju illi l-atteggjament tas-socjeta' attrici huwa wiehed subdolu u bir-rispett kollu ma jaghmel l-ebda sens peress illi jidher iIli s-socjeta' attrici qieghedha tippretendi iIli filwaqt iIli intrabtet illi tbiegh kwantita' ta' zejt lill-Gvern fl-istess hin is-socjeta' attrici zammet id-drift ukoIl iIli dan iz-zejt ma tikkonsenjahx u tithaIlas tieghu xorta wahda jew iIli tonqos miIli tikkonsenja parti minnu u tithaIlas xorta wahda taghha.  Dan l-argument huwa certament insostenibbli.

“IlIi mill-provi prodotti jirrizulta iIli l-kunsinna taz-zejt da parti tas-socjeta' attrici kienet ta' kwantita' inferjuri ghal dik pattwita. Huwa totalment assurd l-argument li qieghed isostni l-appellant illi keIlhom isiru testijiet differenti u dan skond it-termini u l-kondizzjonijiet li l-appellant qed jghid illi huma applikabbli.  Ma jirrizuItax mill-provi iIli effettivament

dawn it-termini u l-kundizzjonijiet qatt inghataw lill-esponenti. Dan jirrizulta b'rnod car mix-xhieda moghtija minn John Sammut waqt is-seduta tal-l0 ta' Lulju 1991 fejn iddikjara iIli "fil-kaz ta' testijiet fuq iz-zejt, naghmlu l-kalibrazzjoni tal-apparat permezz ta' test ta' l-arja fuq imsemmi, u mhux bit-test ta' l-ilma; biex nevitaw iIli jibqa' xi ftit ilma mal-r plummet", u b'hekk jaghti rizultat hazin ghal dak li huwa  "specific gravity". Oak in-nhar li hadt li “specific gravity" it-temperatura taz-zejt kienet ta' 29 “degrees Celsius"; u f’din it-temperatura l-i"specific gravity" li rrizultatli mill-i"Specific Gravity Balance" kienet ta' 0.89015. Peress li l-i "specific gravity" dejjem kienet tinghata “at 20 degrees celcius", tezisti formula tal-"Institute of Petroleum" illi biha jsir il-konversjoni relattiva. Wara din il-konversjoni, l-i"specific gravity" rizultanti f'temperatura ta' 20 "degrees Celsius" kienet ta' 0.8942".

“Illi mix-xhieda moghtija minn Anthony Buhagiar moghtija waqt is-seduta tal-14 ta' Gunju 1991 jirrizulta illi jsiru t-testijiet sabiex jigi verifikat illi l-kwalita' u l-kwantita' konsenjata tkun skond it-tender. Ix-xhud kompla jispjega illi 'Irrizultalna li kien hemm diskrepanza mhux accettabbli u inforrnajna lill-Inspector biex jaghmel it-"tests" necessarji. Fl-istess hin, inforrnajna lill-"Engineering Standards Laboratory", u dawn iddeterminaw l-i "specific gravity" taz-zejt'.

“Mix-xhieda moghtija minn Joseph Schembri fil-11 ta' Settembru 1991 jirrizulta iIli “Iccekkjajt il-'gross', naqqast id-'declared weight' tal-'container', u sibt li n-'Net weight' ta' dawk ta' 196 kgs. kienu 179 kgs u 178 kgs, u dak ta' 198 kien 178 kgs.  Billi ghamilt riferenza ghall-i'Specific gravity' taz-zejt moghtija lili mill-i'Standards Laboratory', stajt nikkalkula kemm kull wiehed minn tat-tlett ‘drums’ kien fih zejt.  Iz-zewg (2) ‘drums’ immarkati 196 kgs. Instab li kien fihom 198.71 litres, 199.83 u 198.71 rispettivament u tal-198 kgs instab li kien 198.71 litres”.”

“L-esponenti jissottometti illi l-appellant ma jistax jippretendi illi jithallas ta' ammonti ta' zejt illi huwa effettivament ma kienx ikkonsenja u difatti l-bilanc rimanenti illi I-appellant qieghed jirreklama jirreferu ghal

ammont ta' zejt illi ma giex ikkunsinnat u kull talba ghal hlas ta' dan l-ammont effettivament tikkostitwixxi talba ghal arrikkiment indebitu da parti ta' l-appellant.

“Certament ix-xerrej ghandu biss obbligu li jhallas dment illi l-venditur ikun wettaq l-obbligu tieghu li jikkonsenja l-oggett mibjugh lix-xerrej. Minghajr ma ssir dik il-konsenja ma hemm ebda bazi legali biex isir hlas da parti tax-xerrej u dan stante l-massima legali *exceptio non adempleti contractus.*

“Huwa ghalhekk anti-guridiku u inawdit illi venditur illi jkun naqas li jwettaq l-obbligi tieghu anke jekk in parte skond il-kuntratt jinterpella lix-xerrej sabiex jithallas ghal dak li huwa naqas li jikkonsenja.

“Illi kienet korretta l-Ewwel Qorti meta ddecidiet illi mill-provi illi produca l-appellant u li hija kellha quddiemha qatt setghet tasal sabiex takkolji t-talba tal-appellant. Illi fid-dawl tas-suespost l-Ewwel Qorti anke fuq bazi ta' probabilita' qatt ma setghet tasal ghal konkluzjoni li l-allegazzjonijiet tas-socjeta' attrici gew b'xi mod pruvati.

“Issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet Iris Dalmas vs Mons Joseph Dalmas (Appell Inferjuri 523/02PS deciz fit-12 ta' Jannar 2005) fejn l-Qorti ta' l-Appell osservat illi "meta ma tistax issir il-prova solita, u meta jkun hemm cirkustanzi partikolari u specjali li jistghu jispjegaw ghaliex ma tistax issir, hu dmir tal-gudikant li jirricerka provi ohra li jissodisfawh".

“Illi bir-rispett kollu, fil-kaz odjern, fl-assenza ta' prova dokumentarja u fidabbli da parti tas-socjeta' attrici illi turi l-kwantita' taz-zejt rilaxxjata mis-suppliers relattiva ghal kull drum kif ukoll prova dokumentarja illi ticcertifika kif effettivament sar l-uzin tal-kwantita' indikata fuq id-drums, l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda prova sabiex tikkonvinciha mill-kredibilita' tal-verzjoni attrici.

“GHALHEKK L-APPELLAT jissottometti bir-rispett li l-Appell ta' l-appellant ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-

zewg istanzi kontra tieghu, b'riserva ghall-produzzjoni ta' provi u sottomissjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi f'kaz illi dan ikun mehtieg."

Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod;

"F'din il-kawza, l-attur nomine qed jesigi l-hlas ta' Lm2877.68 (ekwivalenti ghal €6703.19) prezz ta' konsenja ta' zejt li jallega li ssupplixxa skond *public tender* li hareg ghal dan l-iskop. Min-naha l-ohra, il-konvenut qed jirribatti din il-pretensjoni fil-mertu billi jsostni li l-ammont ta' zejt illi s-socjeta' Fenech Oil & Petroleum ikkonsenjat kien inferjuri ghall-kwantita' miftiehma u li l-hlas sar skond kemm zejt kien fil-fatt konsenjat.

"Mill-provi prodotti jidher illi saret sejha ghall-offerti ghal numru ta' drums ta' zejt. Fost drums diversi ta' zejt illi s-socjeta' Fenech Oil & Petroleum kellha tissupplixxi lill-Gvern, kien hemm mitejn wiehed u erbghin (241) drums ta' mitejn u sbatax (217) –il litru li kellhom jigu suppliti. Din il-kawza tikkoncerna dan l-ammont ta' zejt li fil-kumpless tieghu jammonta ghal tnejn u hamsin elf mitejn tmienja u disghin (52298) litru ta' zejt tat-tip ED 40 Lubricating Oil for Compression Ignition (Diesel) Engines.

"L-attur noe jargumenta illi l-ammont ta' zejt li s-socjeta' Fenech Oil & Petroleum ikkonsenjat lill-Gvern kien ta' 217 litru ghal kull drum mentri l-konvenut jallega illi fil-fatt *on average* l-ammont ta' zejt li kien fih kull drum kien ta' 199.75 litru, jigifieri 17.28 litru anqas minn dak miftiehem.

"**Ikkunsidrat -**

"Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun spjegat lilu izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex versosimili fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja (**"Borg vs Bartolo"** – Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Dan premess bhala punt ta' dritt jinghad li huwa assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet dijametrikament opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi

lill-konvenut abbazi tal-principju *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat* (**"Camilleri vs Cauchi et"** – Appell Inferjuri – 22 ta' Novembru 2002). Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati. Mill-banda l-ohra il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**"Caruana vs Laurenti"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta' April 1994 ; **"Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju 1981 ; **"Vassallo vs Pace"** - Vol.LXX.II.144 u **"Zammit vs Petrococchino"** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar 1952). Il-konvenut huwa assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk l-attur issodisfax l-oneru tal-prova tal-legittimita' u fondatezza tal-pretensjoni tieghu jew inkella ghandhiex din il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati (**"Theuma vs Mercieca"** – Qorti tal-Appell – 20 ta' Frar 1996 u **"Fenech Clarke et vs Borg et"** – Qorti tal-Appell – 3 ta' Mejju 1997).

"**Ikkunsidrat -**

"Jirrizulta li meta l-Gvern jircievi zejt industriali huwa jizen dan iz-zejt sabiex jaccerta l-kwantita' supplita. Dan il-process kien isir minn sezzjoni apposta fid-Dipartiment ta' l-Industrija maghrufa bhala *Weights and Measures*. Iz-zejt jintizen skond formola teknika li tigi applikata minn impjegati tal-Gvern li huma mharrga ghal dak it-tip ta' xoghol. Dan il-process ta' verifika kien spjegat mix-xhud Anthony Buhagiar li kien Administrative Officer fis-sezzjoni *Stocks Warehousing and Stock Control*. (fol. 128 et seq.). Huwa xehed hekk –

"*Bhala 'warehousing' kont responsabbli illi dak kollu li jasal fl-istores li kienu jkunu affarijiet li l-Gvern kien jixtri b'kuntratt, kienu jkunu ta' kwalita' u kwantita' kif suppost. Fil-kaz ta' zejt, meta dan jasal fis-Central Supplies, jittiehed 'sample' u jigi 'tested' mis-Central Supplies.*

"*Ghar-rigward ta' kwantita' , isir 'random test', illi l-ewwel ma jsir hu ma … ufficjal li hu 'Executive Officer' li huwa direttament responsabbli ghall-'istores' u dan it-test isir billi jintizen 'drum' jew tnejn miz-zejt in kwistjoni. …*

"*Jekk minn dan it-test jirrizultaw diskrepanzi sostanzjali mal-kwantita' li kellha tigi supplita, dan l-ufficcjal jirrapurtali u mmur nivverifika dak li jkun huwa sab billi naghmel l-istess test li ghamel huwa….*

"*Fil-kaz li nerga' nsib l-istess rizultat, nibghat lil 'Inspector of Weights and Measures' biex jaghmel it-testijiet necessarji.*

"Dan ix-xhud jixhed hekk (fol. 130) –

"*Rigward dan it-tender partikolari, dan it-test ghamilnih ukoll. Irrizultalna li kien hemm diskrepanza mhux accettabbli u informajna lil Inspector biex jaghmel it-tests necessarji. Fl-istess hin, informajna lil Engineering Standards Laboratory, u dawn iddeterminaw l-ispecific gravity taz-zejt …*

"*Wara kien gie Mr Schembri mis-section tal-Weights and Measures; ittestja l-mizien taghna biex jara hux qed jimmarka tajjeb, u wzah biex jaghmel it-tests. Hu wizen xi erba' drammi li ghazel 'at random'.*

"Importanti li f'dan l-istadju jigi rilevat il-fatt li meta Anthony Buhagiar informa lis-sezzjoni tal-*Weights and Measures* sabiex dawn jaghmlu testijiet ta' l-uzin taz-zejt, huwa cempel lil certu Mr Lanzon, impjegat mas-socjeta' attrici. Skond Buhagiar, dan Lanzon qallu li min kien responsabbli mis-socjeta' attrici kien imsiefer.

"Dwar dan it-test, Michael Fenech, Managing Director tas-socjeta' attrici, xehed hekk (ara fol. 33) -

"*Fil-bidu nett wara illi kienu diga' saru z-zewg konsenji t-Tezor kienu qalulna illi kienu ser jaghmlu 'test' u ahna konna ghidnilhom illi ma kellniex ghalfejn inkunu prezenti ghal dak it-test. Meta imbaghad huma kienu qalulna illi*

*kienu ghamlu t-test u kienu sabu n-nuqqas fil-kwantita' allura ahna ghidnilhom naghmlu re-checking ghax ma setax ikun hemm dak in-nuqqas.*

"Aktar tard huwa xehed hekk (fol. 332) -

"*Ezattament jiena personalment li kont niehu hsieb dawn l-affarijiet kont imsiefer u ma kontx jiena li kellimthom meta qalulna li se jsir it-test in kwistjoni.*"

"**Ikkunsidrat –**

"Din il-Qorti tqis li meta s-socjeta' attrici ghazlet li ma tkunx prezenti permezz ta' rapprezentanti jew impjegati taghha waqt t-test ta' l-uzin taz-zejt hija fir-realta' ippregudikat il-posizzjoni taghha ghax poggiet lilha nnfisha fil-qaghda li ma tistax oggettivament taccerta ruhha jekk il-process attwat mill-konvenut kienx affidabbli jew le.

"**Ikkunsidrat –**

"Fl-affidavit tieghu (fol. 329), Michael Angelo Fenech, Managing Director tas-socjeta' attrici, jallega *inter alia* li meta sar it-test li ghalih huwa ma kienx prezenti, sar zball fil-wizna taz-zejt. Huwa jallega illi l-formola uzata kienet zbaljata (fol. 349). Din il-Qorti hija tal-fehma li fuq l-iskorta ta' dak li xehed u tad-dokument li pprezenta fid-9 ta' Mejju 2008 (fol. 349), senjatament fejn ighid li l-formola ta' uzin applikata mill-Gvern kienet hazina, ma tistax oggettivament u serenament tikkonkludi li sar zball fuq il-pretest li l-formola tieghu kienet il-korretta u mhux dik li hadmu fuqha l-impjegati tad-Dipartiment addetti mill-wizna ta' zjut u prodotti ohra. Ghalhekk, anke fil-kuntest tar-regoli dwar l-oneru tal-prova, din il-Qorti ma tistax tnissel ic-certezza morali li trid il-ligi sabiex tqis bhala pruvat il-kaz tas-socjeta' attrici fuq bilanc ta' probabilitajiet u tiskarta l-provi tal-konvenut. Din il-Qorti ssib sostenn f'dak li qed tafferma anke mill-fatt li s-socjeta' attrici ma ressqet l-ebda prova dokumentarja rilaxxjata mis-*suppliers* taz-zejt li ticcertifika l-kwantita' li kien fih kull drum kif ukoll li ticcertifika kif sar l-uzin tal-kwantita' indikata fuq id-drums.

“**Ikkunsidrat –**

“Lis-socjeta’ attrici kien jispetta l-piz tal-prova li fil-fatt ikkonsenjat l-kwantita’ ta’ zejt li tieghu qed tirreklama l-pagament. Fil-kaz tal-lum, il-konvenut mar oltre l-obbligu tieghu li jiddefendi l-kawza assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat li jaghmel prova negattiva. Anzi waqt il-kawza, huwa ressaq dokument mahrug mic-Chief Central Supplies fi hdan id-Dipartiment ta’ l-Industrija (Weights and Measures Inspectorate) li iccertifika li it-tlett drums li fuqhom saru t-testijiet ta’ l-uzin taz-zejt suppliti mis-socjeta’ Fenech Oil & Petroleum kienu jikkontjenu, *on average,* 199.75 litru zejt kull wiehed minflok 217 kif patwit.

“L-ammont ta’ drums li kellhom jigu suppliti skond il-*Letter of Acceptance of Tender* kellu jkun ta’ 241 izda ma sarx l-uzin ta’ kull wiehed minn dawn id-drums skond kif afferma Joseph Schembri Inspector of Weights and Measures. Dan xehed hekk –

“*Id-drum li jien ezaminajt kellu miktub fuqu ‘gross weight 196 kgs u ‘net 180 kgs’. Dan iccekkjajtu fuq il-mizien tas-Central Supplies wara li kont ivverifikajt li l-istess mizien kien ‘within the limits’…..*

“*Nghid ukoll illi fit-2 ta’ Awwissu 1983 regghu baghtu ghalija s-Central Supplies u jien ergajt mort fil-mahzen taghhom f’Wied il-Kbir, Qormi, u ezaminajt tlett ‘drums’ ohra.*

“Is-socjeta’ attrici ma kkontestax bhala inattendibbli *weight test* li jsir *at random* fuq erba’ drums biss. Kif lanqas ma kien b’xi mod allegat li l-prodott u d-drums li taghhom sar il-*weighting* ma kienux dawk konsenjati mis-socjeta’ attrici.

“Fl-isfond tal-provi akkwisiti meqjusa fl-assjem taghhom, din il-Qorti tghid li l-kumpannija attrici ma ppruvatx il-kaz taghha sal-grad rikjest mil-ligi.”

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Ottubru 2013 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkonsidrat:

**AGGRAVJI TAL-ATTUR**

Ghalkemm hafna mill-kontenut tar-rikors tal-appell u allura tar-risposta relattiva huma ta' natura teknika, il-punt in kwistjoni biex tigi deciza l-vertenza huwa fil-fatt wiehed legali u cioe` jekk l-appellant irnexxilux jissodisfa lill-Qorti fuq bilanc ta' probabilitajiet jekk it-talba tieghu ghandhiex tigi akkolta jew le. Naturalment kif sewwa irrimarkat l-ewwel Qorti, min jallega jrid jipprova – kif jghid car u tond l-Artiklu 562 tal-Kodici tal-Procedura u kif gie ripetut diversi drabi mhux biss fis-sentenzi indikati mill-Prim' Awla f'din il-kawza izda anke f'sentenzi ohra;

"*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat'* (**Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim' Awla 31 ta' Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995).

Kif spjegat tajjeb fis-sentenza appellata, irrizulta li meta l-Gvern jixtri zejt industrijali dan jintizen biex ikun hemm certezza dwar il-volum li jkun gie konsenjat. Ghalhekk, l-ewwel isir *random testing* fis-sens li jaqbdu *drum* partikolari u jiznuh u jekk ikun hemm diskrepanzi sostanzjali issir procedura biex jintizen kollu. Hekk sar f'dan il-kaz, kif xehed Anthony Buhagiar li kien ufficjal amminsitrattiv fis-sezzjoni relattiva.

Skont Michael Fenech, direttur manigerjali tas-socjeta` attrici, meta qalulhom li kien hemm diskrepanza irreagixxew billi qalulhom li ma setax ikun, izda meta gew informati meta kien se jsir it-test komplet ma kien hemm hadd jirraprezenta s-socjeta` attrici prezenti ghaliex huwa kien imsiefer u huwa jiehu hsieb dawn l-affarijiet solitament.

Is-socjeta` appellanti oggezjonat bil-qawwa ghall-kliem uzat mill-ewwel Qorti li hija 'ghazlet' li ma tkunx prezenti ghat-test. Biss jirrizulta skont ix-xhieda ta' Anthony Buhagiar li l-istess Fenech (ghalkemm mhux car jekk kienx hu personalment izda zgur xi hadd mis-socjeta` appellanti) kien qallu li huma kellhom fiducja li ma kienx sejjer jingannahom. Ma hemmx dubbju li s-socjeta` appellanti kienet informata meta se jsir it-test; ghalhekk il-konkluzjoni tal-Qorti kienet korretta ghaliex anke jekk is sur-Fenech kien imsiefer setghet baghtet lil xi hadd biex ikun prezenti. Hu x'inhu ma hemm xejn fl-atti tal-kawza li jindika li t-test ma sarx sew jew li kien hemm xi ingann da parti tal-konvenut.

Il-Qorti ukoll ma taccettax l-argument tal-appellant nomine li huwa kellu l-fakolta` 'tirranga' l-kondizzjonijiet tat-t*ender*. Jekk dan ikun hekk, twassalna ghall-konkluzjoni assurda li jkun is-*supplier* li jimponi l-kondizzjonijiet tat-t*ender* minflok min johorgu u jixtri. Dan li qed jargumenta l-appellant ma jirrizulta minn imkien. Anke f'dan l-aspett allura s-socjeta` appellanti ma issodisfatx lill-ewwel Qorti (u lanqas lil din il-Qorti) li hija effettivament ikkonsenjat l-ammont ta' zejt li qed tallega li ikkonsenjat u li allura hu dovut lilha l-ammont ta' flus mitluba fic-citazzjoni.

Kif ukoll innotat l-ewwel Qorti, li l-konvenut mar oltre minn dak li kellu l-obbligu legali jaghmel fil-kawza u gab huwa stess il-provi li l-konsenja taz-zejt ma kienitx kif qed issostni s-socjeta` appellanti. Infatti skont id-dokument mahrug mic-Chief Central Supplies fi hdan l-Ispettorat tal-Weights and Measures, id-drums spezzjonati kienu jikkontjenu 'on average' ftit inqas minn 200 litru zejt kull wiehed minflok 217 kif kien miftiehem. Bhala stat ta' fatt dan huwa bizzejjed biex iwassal lil din il-Qorti ghall-istess konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti.

Certament ebda Qorti ma tista' tasal ghal konkluzjoni li semplici kelma ta' parti fi kwistjoni bhal dik odjerna tkun daqshekk konvincenti li teghleb il-muntanja ta' provi dokumentarji (oltre provi ohra) li indiskutibbilment jimmilitaw favur il-parti l-ohra, f'dan il-kaz il-konvenut. Huwa ghalhekk li l-principju tal-*onus probandi* fuq

imsemmi huwa daqshekk importanti u sakrosant fil-'Law of Evidence' taghna.

L-appellant fl-ahhar parti tar-rikors tal-appell tieghu jargumenta li l-ewwel Qorti ma dahlitx fil-mertu ta' jekk il-konvenut kellux ragun meta fi kliemu '*zamm iz-zejt u sahansitra iddispona minnu u mbaghad meta rinfaccjat bi pretenzjoni ghall hlas jeccepixxi li dan ma giex konsenjat kif pattwit*'.

Huwa minnu li fis-sentenza appellata ma ssemma' xejn dwar dan izda fil-verita` dan il-punt ma kienx rilevanti ghall-kawza ghas-semplici raguni li l-konvenut hallas taz-zejt effettivament konsenjat u ma hallasx biss l-ammont mitlub fil-kawza ghall-merkanzija li fil-fatt qatt ma waslet ghandu.

Finalment ghandu jinghad li f'dan l-appell il-Qorti fil-verita` intalbet tvarja s-sentenza billi tiddecidi li ma taqbilx mal-valutazzjoni tal-fatti kif maghmula mill-Ewwel Qorti. Dwar dan il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phylis Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) qalet li "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

Hu evidenti li dawn ir-ragunijiet gravi ma jirrizultawx f'din il-kawza u f'dan is-sens wiehed jista' jiccita diversi sentenzi ohra.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata; l-ispejjez tal-appell ikunu wkoll a kariku tas-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------